2024/2862

13.11.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2862

tat-12 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1803 fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 21

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1803 ([2]) ġew adottati ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà u interpretazzjonijiet li kienu jeżistu fit-8 ta' Settembru 2022.

(2) Fil-15 ta' Awwissu 2023, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità ħareġ ċerti emendi għall-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 21 *L-Effetti tat-Tibdil fir-Rati tal-Kambju* ("IAS 21"). L-emendi jispeċifikaw meta munita tkun skambjabbli f'munita oħra u, meta ma tkunx, kif kumpanija tiddetermina r-rata tal-kambju li għandha tapplika, u d-divulgazzjonijiet li kumpanija għandha tipprovdi meta munita ma tkunx skambjabbli.

(3) B'konsegwenza tal-emendi għal IAS 21, l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* ("IFRS 1") kien emendat biex jiżgura konsistenza bejn dawk l-istandards.

(4) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju, EFRAG, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi fl-IAS 21 jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1803 jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabbiltà,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/1803 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 21 *L-Effetti tat-Tibdil fir-Rati tal-Kambju* ("IAS 21") huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju* ("IFRS 1") huwa emendat f'konformità mal-emendi tal-IAS 21 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara.

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1803 tat-13 ta' Settembru 2023 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 237, 26.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1803/oj).

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Nuqqas ta' Skambjabbiltà

Emendi fl-IAS 21

Emendi fl-IAS 21 *L-Effetti tal-Bidliet fir-Rati tal-Kambju*

Il-paragrafi 8 u 26 ġew emendati. Nżiedu l-paragrafi 8 A-8B, 19 A u l-intestaturi relatati tagħhom, il-paragrafi 57 A-57B, 60L-60M u l-Appendiċi A.

DEFINIZZJONIJIET

8. **It-termini li ġejjin jintużaw f'dan l-Istandard bit-tifsiriet speċifikati:**

...

Munita tkun tista' tiġi skambjata f'munita oħra meta entità tkun tista' tikseb il-munita l-oħra f'perjodu ta' żmien li jippermetti dewmien amministrattiv normali u permezz ta' mekkaniżmu ta' suq jew ta' skambju li fih tranżazzjoni ta' skambju toħloq drittijiet u obbligi infurzabbli.

...

Elaborazzjoni fuq id-definizzjonijiet

Skambjabbli (il-paragrafi A2-A10)

8 A Entità tivvaluta jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra:

(a) fid-data tal-kejl; kif ukoll

(b) għal skop speċifiku.

8B Jekk entità tkun tista' tikseb mhux aktar minn ammont insinifikanti tal-munita l-oħra fid-data tal-kejl għall-iskop speċifikat, il-munita ma tkunx tista' tiġi skambjata fil-munita l-oħra.

...

STIMA TAR-RATA TAL-KAMBJU SPOT META MUNITA MA TKUNX SKAMBJABBLI (IL-PARAGRAFI A11-A17)

19 A Entità għandha tistma r-rata tal-kambju spot fid-data tal-kejl meta munita ma tkunx skambjabbli f'munita oħra (kif deskritt fil-paragrafi 8, 8 A-8B u A2 — A10) f'dik id-data. L-objettiv ta' entità fl-istima tar-rata tal-kambju spot huwa li tirrifletti r-rata tat-tranżazzjoni ta' skambju ordinata fid-data tal-kejl bejn il-parteċipanti fis-suq taħt il-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

RAPPORTAR TA' TRANŻAZZJONIJIET F'MUNITA BARRANINA FIL-MUNITA NAZZJONALI

...

Rapportar fit-tmiem ta' perjodi ta' rapportar sussegwenti

...

26. Meta jkun hemm diversi rati tal-kambju, ir-rata użata hija dik li fiha l-flussi futuri ta' flus irrappreżentati bit-tranżazzjoni jew bil-bilanċ setgħet tħallset li kieku dawk il-flussi ta' flus seħħew fid-data tal-kejl.

...

DIVULGAZZJONI

...

57 A Meta entità tistma rata tal-kambju spot minħabba li munita ma tkunx skambjabbli f'munita oħra (ara l-paragrafu 19 A), l-entità għandha tiddivulga informazzjoni li tippermetti lill-utenti tar-rapporti finanzjarji tagħha jifhmu kif il-munita li ma tkunx skambjabbli fil-munita l-oħra taffettwa, jew tkun mistennija li taffettwa, il-prestazzjoni finanzjarja, il-pożizzjoni finanzjarja u l-flussi tal-flus tal-entità. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, entità għandha tiddivulga informazzjoni dwar:

(a) in-natura u l-effetti finanzjarji tal-munita li ma tkunx tista' tiġi skambjata fil-munita l-oħra;

(b) ir-rata/i tal-kambju spot użata/i;

(c) il-proċess ta' stima; kif ukoll

(d) ir-riskji li l-entità tkun esposta għalihom minħabba li l-munita ma tkunx tista' tiġi skambjata fil-munita l-oħra.

57 B Il-paragrafi A18 — A20 jispeċifikaw kif entità tapplika l-paragrafu 57 A.

DATA EFFETTIVA U TRANŻIZZJONI

...

60L *Nuqqas ta' Skambjabbiltà*, maħruġ f'Awwissu 2023, emenda l-paragrafi 8 u 26, u żied il-paragrafi 8 A-8B, 19 A, 57 A-57B u l-Appendiċi A. Entità għandha tapplika dawk l-emendi għall-perjodi ta' rapportar annwali li jibdew fl-1 ta' Jannar 2025 jew wara. Tista' ssir applikazzjoni aktar bikrija. Jekk entità tapplika l-emendi għal perjodu aktar bikri, din għandha tiddivulga dak il-fatt. Id-data tal-applikazzjoni inizjali hija l-bidu tal-perjodu ta' rapportar annwali li fih entità tapplika dawk l-emendi għall-ewwel darba.

60M Fl-applikazzjoni ta' Nuqqas ta' Skambjabbiltà, entità ma għandhiex tirridikjara informazzjoni komparattiva. Minflok:

(a) meta l-entità tirrapporta tranżazzjonijiet f'munita barranija fil-munita funzjonali tagħha kif ukoll fid-data tal-applikazzjoni inizjali, tikkonkludi li l-munita funzjonali tagħha ma tkunx skambjabbli fil-munita barranija jew, jekk applikabbli, tikkonkludi li l-munita barranija ma tkunx skambjabbli fil-munita funzjonali tagħha, l-entità għandha, fid-data tal-applikazzjoni inizjali:

(i) taqleb l-entrati monetarji affettwati f'munita barranija, u l-entrati nonmonetarji mkejla fil-valur ġust f'munita barranija, bl-użu tar-rata tal-kambju spot stmata f'dik id-data; kif ukoll

(ii) tirrikonoxxi kwalunkwe effett tal-applikazzjoni inizjali tal-emendi bħala aġġustament tal-bilanċ tal-ftuħ tal-qligħ imfaddal.

(b) meta l-entità tuża munita tal-preżentazzjoni għajr il-munita funzjonali tagħha, jew taqleb ir-riżultati u l-pożizzjoni finanzjarja ta' operazzjoni barranija u, fid-data tal-applikazzjoni inizjali, tikkonkludi li l-munita funzjonali tagħha (jew il-munita funzjonali barranija tal-operazzjoni) ma tkunx skambjabbli fil-munita tal-preżentazzjoni tagħha jew, jekk applikabbli, tikkonkludi li l-munita tal-preżentazzjoni tagħha ma tkunx skambjabbli fil-munita funzjonali tagħha (jew fil-munita funzjonali tal-operazzjoni barranija), l-entità għandha, fid-data tal-applikazzjoni inizjali:

(i) taqleb l-assi u l-obbligazzjonijiet affettwati bl-użu tar-rata tal-kambju spot stmata f'dik id-data;

(ii) taqleb l-entrati ta' ekwità affettwati billi tuża r-rata tal-kambju spot stmata f'dik id-data jekk il-munita funzjonali tal-entità tkun iperinflazzjonarja; kif ukoll

(iii) tirrikonoxxi kwalunkwe effett tal-applikazzjoni inizjali tal-emendi bħala aġġustament għall-ammont kumulattiv tad-differenzi fit-traduzzjoni akkumulata f'komponent separat tal-ekwità.

...


Appendiċi A

Gwida għall-applikazzjoni

Dan l-appendiċi huwa parti integrali mill-Istandard.

SKAMBJABBILTÀ

A1 L-għan tad-dijagramma li ġejja huwa li tgħin lill-entitajiet jivvalutaw jekk munita tkunx skambjabbli u jistmaw ir-rata tal-kambju spot meta munita ma tkunx skambjabbli.



Pass I: Valutazzjoni ta' jekk munita tkunx skambjabbli (il-paragrafi 8 u 8 A-8B)

A2 Il-paragrafi A3 — A10 jistabbilixxu gwida għall-applikazzjoni biex jgħinu entità tivvaluta jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra. Entità tista' tiddetermina jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra, anki jekk dik il-munita l-oħra tista' tkun skambjabbli fid-direzzjoni l-oħra. Pereżempju, entità tista' tiddetermina li l-valuta PC ma tkunx skambjabbli f'munita LC, anki jekk il-munita LC tkun skambjabbli f'munita PC.

Qafas ta' żmien

A3 Il-paragrafu 8 jiddefinixxi rata tal-kambju spot bħala r-rata tal-kambju għall-konsenja immedjata. Madankollu, tranżazzjoni ta' skambju mhux dejjem tista' titlesta b'mod istantanju minħabba rekwiżiti legali jew regolatorji, jew għal raġunijiet prattiċi bħal btajjel pubbliċi. Dewmien amministrattiv normali sabiex tinkiseb il-munita l-oħra ma jipprekludix li munita tkun tista' tiġi skambjata f'dik il-munita l-oħra. Dak li jikkostitwixxi dewmien amministrattiv normali jiddependi fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi.

Kapaċità li tinkiseb il-munita l-oħra

A4 Fil-valutazzjoni dwar jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra, entità partikolari għandha tqis il-kapaċità tagħha li tikseb munita oħra, u mhux l-intenzjoni jew id-deċiżjoni li tagħmel dan. Skont ir-rekwiżiti l-oħra fil-paragrafi A2–A10, munita tkun skambjabbli f'munità oħra jekk l-entità tkun kapaċi tikseb il-munita l-oħra - kemm direttament jew indirettament - anke jekk tkun biħsiebha jew tiddeċiedi li ma tagħmilx dan. Pereżempju, skont ir-rekwiżiti l-oħra fil-paragrafi A2–A10, irrispettivament minn jekk l-entità tkun biħsiebha jew tiddeċiedi li tikseb PC, il-munita LC tkun skambjabbli fil-munita PC jekk entità tkun tista' tiskambja LC għal PC, jew tiskambja LC għal munita oħra (FC) u mbagħad FC għal PC.

Swieq jew mekkaniżmi ta' skambju

A5 Fil-valutazzjoni ta' jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra, entità għandha tikkunsidra biss swieq jew mekkaniżmi ta' skambju li fihom tranżazzjoni għall-iskambju tal-munita għall-munita l-oħra toħloq drittijiet u obbligi infurzabbli. L-eżegwibbiltà hija kwistjoni ta' liġi. Jekk tranżazzjoni ta' skambju f'suq jew mekkaniżmu ta' skambju toħloqx drittijiet u obbligi infurzabbli jiddependi fuq il-fatti u ċ-ċirkostanzi.

Ir-raġuni biex tinkiseb il-munita l-oħra

A6 Jekk munita tintuża għal skopijiet tista' twassal għal rati tal-kambju differenti. Pereżempju, ġuriżdizzjoni li tkun qed tiffaċċja pressjoni fuq il-bilanċ tal-pagamenti tagħha tista' tkun tixtieq tiskoraġġixxi r-rimessi kapitali (bħal pagamenti ta' dividendi) lil ġuriżdizzjonijiet oħra iżda tinkoraġġixxi l-importazzjonijiet ta' oġġetti speċifiċi minn dawk il-ġuriżdizzjonijiet. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-awtoritajiet rilevanti jistgħu:

(a) jistabbilixxu rata tal-kambju preferenzjali għall-importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti u rata tal-kambju "b'penali" għar-rimessi tal-kapital lil ġuriżdizzjonijiet oħra, u b'hekk jirriżultaw f'rati tal-kambju differenti li japplikaw għal tranżazzjonijiet tal-kambju differenti; jew

(b) jużaw il-munita l-oħra biss biex tħallas għall-importazzjonijiet ta' dawk l-oġġetti u mhux għal rimessi ta' kapital lil ġuriżdizzjonijiet oħra.

A7 Għaldaqstant, il-fatt li munita tkun tista' tiġi skambjata f'munita oħra jista' jiddependi fuq ir-raġuni tal-entità li tikseb (jew ipotetikament jista' jkollha bżonn tikseb) il-munita l-oħra. Fil-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' skambju:

(a) meta entità tirrapporta tranżazzjonijiet f'munita barranija fil-munita funzjonali tagħha (ara l-paragrafi 20–37), l-entità għandha tassumi l-għan tagħha li tikseb il-munita l-oħra jkun li tirrealizza jew issalda tranżazzjonijiet, assi jew obbligazzjonijiet individwali f'munita barranija.

(b) meta entità tuża munita tal-preżentazzjoni għajr il-munita funzjonali tagħha (ara l-paragrafi 38–43), l-entità għandha tassumi li r-raġuni tagħha biex tikseb il-munita l-oħra jkun li tirrealizza jew issalda l-assi netti jew l-obbligazzjonijiet netti tagħha.

(c) meta entità taqleb ir-riżultati u l-pożizzjoni finanzjarja ta' operazzjoni barranija fil-munita tal-preżentazzjoni (ara l-paragrafi 44–47), l-entità għandha tassumi li l-għan tagħha li tikseb il-munita l-oħra jkun li tirrealizza jew issalda l-investiment nett tagħha fl-operazzjoni barranija.

A8 L-assi netti jew l-investiment nett ta' entità f'operazzjoni barranija jistgħu jiġu realizzati minn, pereżempju:

(a) id-distribuzzjoni ta' redditu finanzjarju lis-sidien tal-entità;

(b) ir-riċevuta ta' redditu finanzjarju mill-operazzjoni barranija tal-entità; jew

(c) l-irkupru tal-investiment mill-entità jew mis-sidien tal-entità, pereżempju permezz tad-disponiment tal-investiment.

A9 Entità għandha tivvaluta jekk munita tkunx skambjabbli f'munita oħra separatament għal kull skop speċifikat fil-paragrafu A7. Pereżempju, entità għandha tivvaluta l-possibbiltà ta' skambju għall-fini tar-rapportar ta' tranżazzjonijiet f'munita barranija fil-munita funzjonali tagħha (ara l-paragrafu A7 (a)) separatament mill-iskambjabbiltà għall-fini li r-riżultati u l-pożizzjoni finanzjarja ta' operazzjoni barranija jinqalbu (ara l-paragrafu A7 (c)).

Il-kapaċità li jinkisbu ammonti limitati biss tal-munita l-oħra

A10 Munita ma tkunx skambjabbli f'munita oħra jekk, għal skop speċifikat fil-paragrafu A7, entità tkunx tista' tikseb aktar minn ammont insinifikanti tal-munita l-oħra. Entità għandha tivvaluta s-sinifikat tal-ammont tal-munita l-oħra li tista' tikseb għal skop speċifiku billi tqabbel dak l-ammont mal-ammont totali tal-munita l-oħra meħtieġa għal dak l-għan. Pereżempju, entità b'munita funzjonali ta' LC għandha obbligazzjonijiet denominati fil-munita FC. L-entità tivvaluta jekk l-ammont totali ta' FC li tista' tikseb għall-fini tas-saldu ta' dawk l-obbligazzjonijiet ma jkunx aktar minn ammont insinifikanti meta mqabbel mal-ammont aggregat (is-somma) tal-bilanċi tal-obbligazzjonijiet tagħha denominati f'FC.

Pass II: Stima tar-rata tal-kambju spot meta munita ma tkunx skambjabbli (il-paragrafu 19 A)

A11 Dan l-Istandard ma jispeċifikax kif entità tistma r-rata tal-kambju spot biex tilħaq l-objettiv fil-paragrafu 19 A. Entità tista' tuża rata tal-kambju osservabbli mingħajr aġġustament (ara l-paragrafi A12-A16) jew teknika ta' stima oħra (ara l-paragrafu A17).

L-użu ta' rata tal-kambju osservabbli mingħajr aġġustament

A12 Fl-istima tar-rata tal-kambju spot skont il-paragrafu 19 A, entità tista' tuża rata tal-kambju osservabbli mingħajr aġġustament jekk dik ir-rata tal-kambju osservabbli tissodisfa l-objettiv fil-paragrafu 19 A. Eżempji ta' rata tal-kambju osservabbli jinkludu:

(a) rata tal-kambju spot għal skop għajr dak li għalih entità tivvaluta l-possibbiltà ta' skambju (ara l-paragrafi A13-A14); kif ukoll

(b) l-ewwel rata tal-kambju li biha entità tkun tista' tikseb il-munita l-oħra għall-iskop speċifikat wara l-iskambju tal-munita titreġġa' lura (l-ewwel rata tal-kambju sussegwenti) (ara l-paragrafi A15-A16).

L-użu ta' rata tal-kambju osservabbli għal skop ieħor

A13 Munita li ma tkunx tista' tiġi skambjata f'munita oħra għal skop wieħed tista' tkun skambjabbli f'dik il-munita għal skop ieħor. Pereżempju, entità tista' tikseb munita biex timporta oġġetti speċifiċi iżda ma tħallasx dividendi. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-entità tista' tikkonkludi li rata tal-kambju osservabbli għal skop ieħor tissodisfa l-objettiv fil-paragrafu 19 A. Jekk ir-rata tilħaq l-objettiv fil-paragrafu 19 A, entità tista' tuża dik ir-rata bħala r-rata tal-kambju spot stmata.

A14 Fil-valutazzjoni ta' jekk tali rata tal-kambju osservabbli tissodisfax l-objettiv fil-paragrafu 19 A, entità għandha tikkunsidra, fost fatturi oħrajn:

(a) *jekk jeżistux diversi rati tal-kambju osservabbli* — l-eżistenza ta' aktar minn rata tal-kambju osservabbli waħda tista' tindika li r-rati tal-kambju huma stabbiliti biex jinkoraġġixxu, jew jiskoraġġixxu, lill-entitajiet milli jiksbu l-munita l-oħra għal skopijiet partikolari. Dawn ir-rati tal-kambju osservabbli jistgħu jinkludu "inċentiv" jew "penali" u mhux bilfors jirriflettu l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

(b) *l-iskop għaliex il-munita tkun skambjabbli* — jekk entità tkun kapaċi tikseb il-munita l-oħra biss għal skopijiet limitati (bħal pereżempju l-importazzjoni ta' provvisti ta' emerġenza), ir-rata tal-kambju osservabbli mhux bilfors tirrifletti il-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

(c) in-natura tar-rata tal-kambju ta' rata tal-kambju osservabbli libera hija aktar probabbli li tirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti minn rata tal-kambju stabbilita permezz ta' interventi regolari mill-awtoritajiet rilevanti.

(d) *il-frekwenza li biha r-rati tal-kambju jiġu aġġornati* — rata tal-kambju osservabbli li ma tinbidilx maż-żmien hija inqas probabbli li tirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti minn rata tal-kambju osservabbli li tiġi aġġornata fuq bażi ta' kuljum (jew saħansitra aktar ta' sikwit).

Bl-użu tal-ewwel rata tal-kambju sussegwenti

A15 Munita li ma tkunx tista' tiġi skambjata f'munita oħra għal skop wieħed tista' tkun skambjabbli f'dik il-munita fid-data tal-kejl tista'ssir skambjabbli f'dik il-munita għal dak l-iskop aktar tard. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, entità tista' tikkonkludi li l-ewwel rata tal-kambju sussegwenti tissodisfa l-objettiv fil-paragrafu 19 A. Jekk ir-rata tilħaq l-objettiv fil-paragrafu 19 A, entità tista' tuża dik ir-rata bħala r-rata tal-kambju spot stmata.

A16 Fil-valutazzjoni ta' jekk l-ewwel rata tal-kambju sussegwenti tissodisfax l-objettiv fil-paragrafu 19 A, entità għandha tikkunsidra, fost fatturi oħrajn:

(a) *iż-żmien bejn id-data tal-kejl u d-data li fiha tiġi restawrata l-iskambjabbiltà* — aktar ma jkun qasir dan il-perjodu, aktar ikun probabbli li l-ewwel rata tal-kambju sussegwenti tirrifletti l-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

(b) *ir-rati tal-inflazzjoni* — meta ekonomija tkun soġġetta għal inflazzjoni għolja, inkluż meta ekonomija tkun iperinflazzjonarja (kif speċifikat fir-Rapportar Finanzjarju f'Ekonomiji Iperinflazzjonarji tal-IAS 29), il-prezzijiet ta' sikwit jinbidlu malajr, forsi diversi drabi kuljum. Għaldaqstant, l-ewwel rata tal-kambju sussegwenti għal munita ta' ekonomija bħal din tista' ma tirriflettix il-kundizzjonijiet ekonomiċi prevalenti.

L-użu ta' teknika ta' stima oħra

A17 Entità li tuża teknika oħra ta' stima tista' tuża kwalunkwe rata tal-kambju osservabbli inklużi rati minn tranżazzjonijiet tal-kambju fi swieq jew mekkaniżmi ta' skambju li ma joħolqux drittijiet u obbligi infurzabbli — u taġġusta dik ir-rata, kif meħtieġ, sabiex tilħaq l-objettiv fil-paragrafu 19 A.

Divulgazzjoni meta munita ma tkunx skambjabbli

A18 Entità għandha tikkunsidra kemm dettall huwa meħtieġ biex tissodisfa l-objettiv ta' divulgazzjoni fil-paragrafu 57 A. Entità għandha tiddivulga l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi A19 — A20 u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv ta' divulgazzjoni fil-paragrafu 57 A.

A19 Fl-applikazzjoni tal-paragrafu 57 A, entità għandha tiddivulga:

(a) il-munita u deskrizzjoni tar-restrizzjonijiet li tirriżulta f'dik il-munita ma tkunx skambjabbli fil-munita l-oħra;

(b) deskrizzjoni tat-tranżazzjonijiet milquta;

(c) l-ammont riportat ta' assi u obbligazzjonijiet affettwati;

(d) ir-rati tal-kambju spot użati u jekk dawk ir-rati jkunux:

(i) rati tal-kambju osservabbli mingħajr aġġustament (ara l-paragrafi A12-A16); jew

(ii) ir-rati tal-kambju spot stmati bl-użu ta' teknika oħra ta' stima (ara l-paragrafu A17);

(e) deskrizzjoni ta' kwalunkwe teknika ta' stima li l-entità tkun użat, u informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-inputs u s-suppożizzjonijiet użati f'dik it-teknika ta' stima; kif ukoll

(f) informazzjoni kwalitattiva dwar kull tip ta' riskju li għalih hija esposta l-entità minħabba li l-munita mhijiex skambjabbli fil-munita l-oħra, u n-natura u l-ammont riportat tal-assi u l-obbligazzjonijiet esposti għal kull tip ta' riskju.

A20 Meta l-munita funzjonali ta' operazzjoni barranija ma tkunx skambjabbli fil-munita tal-preżentazzjoni jew, jekk applikabbli, il-munita tal-preżentazzjoni ma tkunx tista' tiġi skambjata f'munita funzjonali ta' operazzjoni barranija, entità għandha tiddivulga wkoll:

(a) l-isem tal-operazzjoni barranija; jekk l-operazzjoni barranija hijiex sussidjarja, operazzjoni konġunta, impriża konġunta, kumpanija assoċjata jew fergħa; u l-post prinċipali tan-negozju tagħha;

(b) informazzjoni finanzjarja fil-qosor dwar l-operazzjoni barranija; kif ukoll

(c) in-natura u t-termini ta' kwalunkwe arranġament kuntrattwali li jista' jirrikjedi li l-entità tipprovdi appoġġ finanzjarju għall-operazzjoni barranija, inklużi avvenimenti jew ċirkostanzi li jistgħu jesponu lill-entità għal telf.

Intestatura emendata.

Emendi għal dikjarazzjonijiet oħrajn

Appendiċi B

Emendi għall-IFRS 1 *Adozzjoni għall-ewwel darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju*

Ġew emendati l-paragrafi 31C u D27 u żdied il-paragrafu 39AI.

PREŻENTAZZJONI U DIVULGAZZJONI

...

Spjegazzjoni tat-tranżizzjoni għall-IFRSs

...

Użu tal-kost preżunt wara iperinflazzjoni gravi

31C Jekk entità tagħżel li tkejjel l-assi u l-obbligazzjonijiet skont il-valur ġust u li tuża l-valur ġust bħala l-kost preżunt fl-ewwel rapport IFRS tagħha tal-pożizzjoni finanzjarja minħabba iperinflazzjoni gravi (ara l-paragrafi D26-D30), l-ewwel rapporti finanzjarji IFRS tal-entità għandhom jiddivulgaw spjegazzjoni ta' kif u għalfejn l-entità kellha, u mbagħad waqfet ikollha, munita funzjonali li tkun suġġetta għal iperinflazzjoni gravi.

...

DATA EFFETTIVA

...

39AI *Nuqqas ta' Skambjabbiltà* (Emendi għall-IAS 21), maħruġ f'Awwissu 2023, emenda l-paragrafi 31C u D27. Entità għandha tapplika dawk l-emendi meta tapplika l-IAS 21 (kif emendat f'Awwissu 2023).

...

Appendiċi D

Eżenzjonijiet minn IFRSs oħra

...

Iperinflazzjoni gravi

...

D27 Il-munita ta' ekonomija iperinflazzjonarja hija soġġetta għal iperinflazzjoni gravi jekk ikollha ż-żewġ karatteristiki li ġejjin:

(a) ma jkunx disponibbli indiċi tal-prezz ġenerali affidabbli għall-entitajiet kollha bi tranżazzjonijiet u bilanċi fil-munita.

(b) il-munita ma tkunx skambjabbli f'munita barranija relattivament stabbli. L-iskambjabbiltà tiġi vvalutata f'konformità mal-IAS 21.